# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawza Numru: 5**

**Rik. Gur. 180/2019 RGM**

**Fl-atti tac-Cedola numru 2415/18**
**Wara l-mandat ta' Sekwestru numru**
**1957/18 fl-ismijiet:**

**Unique Travel Limited**
**(C 3818)**

**vs.**

**Grace Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tas-socjeta` Unique Travel Limited** prezentat fil-21 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi wara l-mandat ta' Sekwestru surreferit giet depozitata permezz tac-cedola odjerna, s-somma ta' disa telef, seba' mija u tnejn u hamsin euro u wiehed u tmenin centezmu (euro 9752.81).

2. Illi tali somma giet hekk depositata wara sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tal-31 ta' Jannar, 2014 u kkonfermata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018 u konsegwentement wara l-mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza l-izbank tas-somma depositata ta' disa telef, seba mija u tnejn u hamsin euro u wiehed u tmenin centezmu (euro 9752.81) a favur tas-socjeta` rikorrenti.

Rat **ir-Risposta ta' Grace Farrugia** prezentata fl-1 ta' Frar, 2019 fejn jinghad kif gej:

1. Illi permezz tar-rikors odjern tal-21 ta' Jannar 2019 is-socjeta' Unique Travel Ltd qed titlob awtorizzazzjoni li tizbanka s-somma ta' €9,752.81.

2. Illi l-esponenti topponi ghal din it-talba stante illi s-somma pretiza minn Unique Travel Ltd mhix dovuta pero hija dovuta biss is-somma ta' €4,737.15. Il-kumplament huwa dovut minn Antonia Bartolo, Sun Aviation Ltd u Excel Air Ltd kif ser jigi spjegat.

3. Illi l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u issa r-rikors ghall-izbank qed isir a bazi ta' spejjez u drittijiet allegatament dovuti wara s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet *Grace Farrugia u t-tfal taghha Rachel Portelli u Angie Farrugia Vs Sun Aviation Limited, Excelair Services Limited, Unique Travel Limited, Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili, Antonia Bartolo, mart l-assenti Carmel Bartolo, f'isimha proprju u*

*bhala rapprezentanta legali ta' bintha minuri Liliana, Philip, Roseanne u Jo-Mark ahwa Bartolo, ulied l-istess assenti Carmel Bartolo u Ministru tat-Trasport u l-avukat Dr Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Sharon Mizzi nominati b'digriet tas-26 ta' Dicembru 1997 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Carmel Bartolo1 u b'digriet tat-23 ta' Ottubru 1998 il-kuraturi gew sostitwiti bl-avukat Dr Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, u b'digriet tat-12 ta' Frar 2003 l-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita gjacenti tal-mejjet Philip Bartolo u b'nota tal-21 ta' Marzu 2012 Antonia Bartolo, Liliana Bartolo, Roseanne Attard xebba Bartolo u Jacqueline Bartolo u ghan-nom tal-minuri Karl Bartolo jassumu l-atti tal-kawza minflok Carmelo Bartolo u b'digriet tal-31 ta' Mejju 1999 il-qorti awtorizzat l-intervent fil-kawza tas-socjeta estera Assicurazioni Generali S.p.A.* (Citaz. Nru. 2764/97) deciza fil-26 ta' Jannar 2018.

4. Illi kopja tas-sentenz ta' l-appell qed tigi esebita ghall-facli referenza. Qed tigi esebita wkoll kopja tat-taxxa ufficjali (Dok A u B).

5. Illi minn qari tas-sentenzi jirrizulta illi ghal dak li jirrigwarda l-prima stanza[1] l-esponenti u wliedha wehlu l-ispejjez ta' Unique Tavel li jammontaw ghal €4,737.15 (sas-sentenza tal-prima stanza), l-ispejjez tal-Minsitru tat-Trasport u Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili ammontanti ghal €5,203.29 (sas-sentenza tal-prima stanza). In oltre gew ordnati jbatu kwart mill-ispejjez taghhom stess. Mill-bqija l-ispejjez l-ohra kellhom ikunu a karigu tal-konvenuti Bartolo, Sun Aviation Ltd u Excel Air Ltd.

6. Illi mbaghad mill-ispejjez ta' l-appell l-esponenti giet ikkuddanna thallas terz mill-ispejjez ta' l-appell filwaqt illi zewg terzi kellhom ikunu a karigu tal-konvenuti Bartolo, Sun Aviation Ltd u Excel Air Ltd.

[1] Vide fol. 6 tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn hemm citat id-decide ta' l-ewwel Qorti inkluz dwar il-kap ta' l-ispejjez.

7. Illi t-total ta’ spejjez ta’ l-appell jammontaw ghal €46,503.08. Terz minn dan l-ammont huwa €15,501.03. L-esponenti diga’ hallset skont il-kolonna tat-taxxa taghha €11,665.61. B’hekk trid thallas il-bilanc ta’ €15,501.03 - €11,665.61 = €3,835.42. Din ic-cifra l-esponenti diga’ hallsitha ghaliex, kif jirrizulta mill-anness ircevuta Dok C hija hallset il-kont li rceviet tal- Minsitru tat-Trasport u Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili fis-somma ta’ €9,040.02. Dan ifisser illi hallset il-€5,203.29 dovuti lill-istess Ministeru u Dipartiment skont is-sentenza tal-prima stanza flimkien mat-€3,835.42 dovuti minnha mill-ispejjez ta’ l-appell u li l-istess Minsteru u Dipartiment kellhom dritt jithallsu skont is-sentenza ta’ l-appell.

8. Illi konsegwentement ghandu jirrizulta illi mill-ispejjez ta’ l-appell l-esponenti diga’ hallset it-terzi li kien dovut minnhom skont is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell. Li fadliliha thallas biss huwa l-ispejjez tar-rikorrenti Unique Travel Ltd pero biss tal-prima stanza u cioe fl-ammont ta’ €4,737.15. Il-bilanc ta’ dak pretiz minn Unique Travel Ltd huwa dovut mhux mill-esponenti pero mill-konvenuti Bartolo, Sun Aviation Ltd u Excel Air Ltd.

9. Illi ghalhekk l-esponenti topponi ghat-talba kif maghmula fir-rikors ghall-izbank ta’ €9,752.81 pero taghti l-kunsens taghha ghall-izbank favur Unique Travel Ltd tas-somma ta’ €4,737.15.

10. Illi qed tigi esebiti ghal kull buon fini bhala Dok D excel sheet li uza l-avukat sottofirmat biex ghamel dan il-kalkolu.

Rat ir-replika tas-socjeta' Unique Travel Limited tat-12 ta' Frar 2019 awtorizzata b'digriet tat-8 ta' Frar 2019 li permezz taghha issottomettiet illi:-

a) mal-ammont ta' €4,737.15 li Grace Farrugia tammetti li ghandha thallas ghndu jizdied il-VAT fuq id-drittijiet tal-avukat;

b) illi wiehed ma jistax jistrieh fuq il-figuri indikati fi prospett DoK D in kwantu l-kolonna intestata Unique "din hija nieqsa d-drittijiet legali kemm in kwantu rigwardanti r-risposta appell, risposta appell incidentali u dritijiet sentenza appell.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2019.

Rat l-atti.

Rat li l-kaz thalla ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 2014 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-kap tal-ispejjez bil-mod segwenti:-

***Bl-ispejjez kontra l-imsemmija konvenuti u bl-imghax mil-lum, b'dan li l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kwart (1/4) mill-ispejjez taghhom peress li l-qorti hi l-fehma li dawn il-proceduri damu bla bzonn minhabba l-mod xejn diligenti kif ressqu l-provi taghhom. Spejjez tal-kuraturi a karigu tal-istess konvenuti.***

Dwar dak deciz mill-prim' istanza fir-rigward tal-komputazzjoni tal-ispejjez ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet. Hemm qbil illi l-ammont dovut mill-konvenuti lis-socjeta' Unique Travel Limited fir-rigward tal-ispejjez tal-prim' istanza huwa ta' €4,737.44 li b'zieda tal-VAT dovut iwassal ghall-ammont ta' €5,371.16.

Il-kuntrast jinsab fir-rigward ta' kif ghandu jigi komputat l-ispejjez pretizi mis-socjeta' imsemmija. Fis-sentenza taghha tas-26 ta' Jannar 2018 il-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kap tal-ispejjez bil-mod segwenti:-

***Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif ordnat mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk mertu ta' dan l-appell jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-lkonvenuti appellanti u terz mill-atturi appellanti incidentalment.***

Jigi mill-ewwel osservat illi d-dicitura adoperata mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tad-decide tal-kap tal-ispejjez huwa ben divers minn dak adoperat mill-Prim' Istanza. Il-Prim' Istanza iddecidiet illi l-ispejjez tal-kawza kollha jithallsu mill-konvenuti; hlief kwart mill-ispejjez tas-socjeta' attrici li naturalment kellha tbatihom hi.

Mill-banda l-ohra l-Qorti tal-Appell iddecidiet illi s-socjeta' attrici kellha thallas terz tal-ispejjez gudizzjarji kollha relatati mal-appell. Il-Qorti ma tara li hemm ebda mod iehor kif is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tista' tigi interpretata. Kif tajjeb issottomettew l-intimati, una volta l-Qorti tal-Appell iddecidiet illi s-socjeta' attrici kellha thallas terz tal-ispejjez kollha tal-Appell, l-ezercizzju li ghandu jsir sabiex wiehed jasal dwar il-quantum dovut ma hux kif dak propost mis-socjeta' rikorrenti izda trid tiehu in konsiderazzjoni l-ammont shih ta' spejjez u VAT relattiv. Is-socjeta' rikorrenti hija dovuta thallas terz ta' dak l-ammont.

Mhux flokha s-sottomissjoni tas-socjeta' rikorrenti li hi ma tahti xejn u allura ma kellha tbati xejn mill-ispejjez tal-appell. Id-decide tal-Qorti tal-Appell fir-rigward huwa car u ma jaghti lok ghall-ebda dubju li s-socjeta' rikorrenti, attrici f'dik il-kawza, ghandha thallas terz tal-ispejjez tal-appell, u mhux terz tal-ispejjez taghha tal-appell.

**Decide**.

Ghaldaqstant tiddisponi mir-rikors tal-21 ta' Jannar 2019 billi tilqghu parzjalment,

1. Fir-rigward tal-ispejjez tal-prim' istanza tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tizbanka s-somma ta' €5,371.16;

2. Fir-rigward tal-ispejjez tal-appell tordna lill-partijiet isegwu dak deciz supra.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**